MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 162/2018 LM

**Zia UL NOOR u martu Aliya Noor bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom minuri Khatija NOOR**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Zia Ul Noor (K.I. Numru 28968A) u martu Aliya N (K.I. Numru 28969A) bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom minuri Khatija Noor**, hawnhekk "l-appellanta", mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-

Bord"), fit-30 ta' Ottubru, 2018 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

> "*Therefore, after having seen the provisions of the Immigration Act and of S.L. 217.17 as well as after having examined the relative submissions and after having taken cognizance of the circumstances, the Board rejects the appeal of Zia UL NOOR and consequently, the appeals of Mohammed Qamar NOOR and of Khatija NOOR.*
>
> *The Board orders that in all cases, the minor children not be separated from their father in order to maintain familial integrity.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Fid-9 ta' Frar, 2018 Zia Ul Noor u wliedu minuri Khatia Noor u Mohammed Qamar Noor applikaw ma' Identity Malta għal tiġdid tal-permess tar-residenza tagħhom f'Malta. Irid jiġi speċifikat li filwaqt li l-permess tal-omm Aliya Noor għal residenza f'Malta kien iġġedded u kien validu sa Frar 2019, saru applikazzjonijiet ġodda mill-missier, Zia Ul Noor, u mill-ulied minuri tal-koppja Khatia Noor u Mohammed Qamar Noor. Permezz ta' deċiżjoni meħuda minn Identity Malta fit-23 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrenti kienu ġew infurmati li l-applikazzjoni ta' binthom Khatia Noor għal tiġdid tal-permess ta' residenza kienet qiegħda tiġi rifjutata wara li "*the application of your sponsor has not been approved.*" Kien għalhekk li r-rikorrenti pproċedew b'rikors tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni. Jirriżulta li Khatia Noor il-minuri li f'isimha sar ir-rikors tal-appell odjern, twieldet ġewwa l-Isptar San Luqa fis-16 ta' Frar, 2007, u l-ġenituri tagħha, it-tnejn ta' nazzjonalità barranija,

kienu ilhom jgħixu hawn Malta sa mill-2003, wara li żżewġu. Il-minuri Khatia Noor tgħix hawn Malta flimkien mal-ġenituri tagħha u ħuha minuri, u l-ġenituri tat-tfal it-tnejn jiġġestixxu negozju hawn Malta, fejn il-missier jiġġestixxi ristorant u l-omm għandha negozju tal-bejgħ tal-vetturi. Dawn il-fatti ġew spjegati lill-Bord fir-rikors tal-appell intavolat mir-rikorrenti.

**Mertu**

3. Il-Bord informa lir-rikorrenti li hija kellha żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġie intavolat ir-rikors tal-appell tagħha sabiex tippreżenta kull dokumentazzjoni rilevanti quddiem il-Bord. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija mwielda hawn Malta, li dejjem għexet hawn Malta, u li f'Malta hija tgħix mal-ġenituri tagħha li t-tnejn jiġġestixxu negozju hawn Malta. Ġie spjegat li omm il-minuri Khatia Noor għandha permess ta' residenza validu sabiex tgħix hawn Malta, liema permess kien validu sa Frar, 2019, u li l-omm hija l-*isponsor* tal-appellanta. Ir-rikorrenti ġibdet l-attenzjoni tal-Bord li għalhekk mhux minnu li l-applikazzjoni tal-*isponsor* tagħha ġiet miċħuda, kif ġie allegat minn Identity Malta meta dawn qalulha li l-applikazzjoni tagħha għal permess ta' residenza kienet qiegħda tiġi miċħuda minħabba li l-applikazzjoni tal-*isponsor* tagħha kienet qiegħda tiġi miċħuda.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta’ Ottubru, 2018, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, u ddeċieda ukoll li jiċħad l-appelli tal-missier u ta’ ħu r-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Preliminary***

***The Board:***

*Saw that on 23rd August 2018, the Director issued a decision wherein he stated that the application for a residence permit which was submitted on 25th January 2018 by **Zia Ul Noor** had been rejected on grounds of public security;*

*Saw that on 23rd August 2018, the Director issued a decision wherein he stated that the application for a residence permit which was submitted on 9th February 2018 by the appellant’s children, namely **Mohammed Qamar Noor** and **Khatija Noor** had been rejected as the application of their sponsor (Zia Ul Noor) had also been rejected;*

*Saw that the relative appeal was filed on 25th June 2008 (in respect of Zia Ul Noor) and on 30th August 2018 (in respect of Mohammed Qamar Noor and Khatija Noor); and*

*Saw all the submissions filed and evidence produced.*

*<u>Submissions filed and evidence produced</u>*

*The Board read the appeal filed by Zia Ul Noor and notes that the following points were made therein:*

- *The appellant has been legally residing in Malta since 2003 with his wife and their two minor children;*
- *The appellant has a business in Malta (Incredible Asia restaurant situated at 139, Triq il-Gżira, Gżira) and is the owner of the tenement in which he resides;*
- *On 25th January 2018, the appellant applied for the renewal of his long-term resident status but was met with a rejection on grounds of public security. The appellant contended that as far as he knew, he was a law-abiding citizen and could not undersand why the application was rejected;*

*- The appellant had lived in Malta for fifteen years and was never asked to submit any information or documentation in support of his application. In fact, his long-term resident status had ben renewed twice without any problems in the past;*
*- The Director's decision is legally unfounded as it failed to provide adequate information relative to the reasons for the rejection.*

*The Board saw that the appeals relative to Mohammed Qamar Noor and Khatija Noor were similar in substance and referred to the principal appeal filed by their father;*

*The Board notes that its references and comments shall hereinafter refer to the principal appeal filed by Zia Ul Noor.*

*The Board saw that on 9th January 2018, the Head of Division (Employability), within Jobsplus stated that the employment licence relative to the Incredible Asia Restaurant had been renewed. This document was copied to the Commissioner for Inland Revenue, to the Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs and the Principal Immigration Officer.*

*The Board also saw the submissions of the Director which consisted of a statement contained in an e-mail wherein Inspector Hubert Gerada informed the Board's secretariat that the content of the specific recommendation related to why the application for renewal should be refused could not be divulged;*

*The Board observes that were one to argue* a contrariu sensu, *it could easily be said that in order for the Immigration Police to object to the renewal of the relative long-term residence permit when its erstwhile holder would have been in Malta for fifteen years, the police would need to have rather solid grounds.*

*The Board opines that the non-divulgence of grounds of public security is self-explanatory in that it is not due to some intention to mislead or to arbitrarily hold back information, but intent on the Director's part to safeguard the work of the Immigration Police as well as the security of the state.*

*The Board further observes that were it to order the specifics of the matter to be divulged, it could well end up prejudicing the security of the State.*

*The Board cannot fail to note that the appellant failed to substantiate his appeal by at least filing a recent conduct certificate issued by the police, in such cases, such would at least go some way towards showing that appellant may deserve to have his long-term resident status renewed.*

***Decision***

*Therefore, after having seen the provisions of the Immigration Act and of S.L. 217.17, as well as after having examined the relative submissions and after having taken cognizance of the circumstances, the Board rejects the appeal of Zia Ul Noor and consequently, the appeals of Mohammed Qamar Noor and of Khatija Noor.*

*The Board orders that in all cases, the minor children not be separated from their father in order to maintain familial integrity."*

## L-Appell

5. L-appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u intavolat appell minnha fit-3 ta' Diċembru 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 30 ta' Ottubru, 2018 u fiċ-ċirkostanzi tagħti dawk id-direttivi u provvedimenti li l-Qorti tħoss li jkunu opportuni inkluż l-ordni li jinħareġ il-permess ta' residenza relattiv sabiex l-appellanta tkun tista' tkompli tirrisjedi ma' familtha hawn Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

6. L-appellanta tgħid li hija tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord prinċipalment għaliex (i) il-Bord ma setax jirrifjuta t-tiġdid tal-permess ta' residenza tagħha meta ommha, Aliya Noor għandha permess ta' residenza validu sa Frar, 2019, u hija dipendenti tagħha. L-appellanta spjegat li l-Bord naqas milli jieħu dan il-fatt inkonsiderazzjoni, u għalhekk il-Bord kien żbaljat meta kkonkluda li l-applikazzjoni tal-i*sponsor* tagħha kienet ġiet rifjutata, meta fil-fatt ommha l-i*sponsor* għad għandha permess ta' residenza validu; (ii) Il-

Bord kien żbaljat meta ta deċiżjoni dwar it-tliet appelli f'deċiżjoni waħda. L-appellanta qalet li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu jagħmel riferiment għat-tliet appelli, dak tal-appellanta, ta' missierha Zia Ul Noor, u ta' ħuha Mohammad Qamar Noor. Spjegat li minkejja li dawn l-appelli huma relatati, kull rikors tal-appell kellu l-merti tiegħu u l-aggravji kienu differenti wkoll. Għalhekk il-Bord kien żbaljat meta sommarjament ipproċeda b'deċiżjoni dwar it-tliet appelli f'deċiżjoni waħda, partikolarment meta wieħed mill-aggravji fir-rikorsi tal-appell li saru kien li l-omm kienet l-i*sponsor* tal-minuri, fattur dan li ma jissemma imkien fid-deċiżjoni jew fil-konsiderazzjonijiet tal-Bord; (iii) Il-Bord ma setax jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet raġonata meta ċaħad it-talba tiegħu, u dan għaliex il-Bord naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni għadd ta' fatturi, fosthom il-fatt li l-appellanta twieldet hawn Malta, hija bint persuna li għandha permess ta' residenza validu, tgħix mal-ġenituri tagħha li huma miżżewġin, u bħala familja ilhom jgħixu hawn Malta għal diversi snin, fil-każ tal-appellanta sa minn meta twieldet. L-appellanta tgħid li hija dejjem attendiet skola hawn Malta, il-ġenituri tagħha għandhom in-negozju tagħhom, dejjem ħallsu t-taxxa u akkwistaw il-proprjetà tagħhom hawn Malta. Żiedet tgħid li bid-deċiżjoni tal-Bord il-ħajja familjari tagħha ser tiġi mħarbta, u d-deċiżjoni tal-Bord ser twassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-ħajja tal-familja; (iv) ir-raba' aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord ma żamm l-ebda seduta sabiex l-appellanta tkun tista' tispjega l-pożizzjoni tagħha b'mod aħjar, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet mingħajr ma hija kellha l-opportunità li tagħmel il-każ tagħha.

**Ir-risposta tal-appell**

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu l-intimat, hawnhekk appellat, **id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni** wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma. L-appellat qal li l-ewwel aggravju tal-appellanta m'għandux mis-sewwa għaliex minkejja li huwa minnu li hi niżżlet isem ommha Aliya Noor bħala *sponsor* tagħha, u minkejja li huwa minnu li din għandha permess ta' residenza validu sa Frar 2019, l-appellanta xorta waħda naqset milli tipprovdi dokumentazzjoni u informazzjoni dwar is-sors u l-ammonti ta' dħul mensili li tipperċepixxi ommha. L-appellat qal li kien jinkombi fuq l-appellanta li tipprovdi provi dokumentarji dwar il-*"proof of sponsor's financial resources".* L-appellat qal li minflok informazzjoni dwar is-sors u l-ammont ta' dħul ta' ommha, l-appellanta pprovdiet biss informazzjoni dwar id-dħul ta' missierha, u għalhekk li l-appellat kellu jikkonsidra li l-*isponsor* reali tal-appellanta mhijiex ommha iżda missierha, u li għalhekk jirriżulta li l-appellanta m'għamlitx dikjarazzjoni veritiera fl-applikazzjoni tagħha għal permess ta' residenza.

B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat wieġeb li l-aggravju tal-appellanta li d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda nulla u bla effett għaliex b'sentenza waħda l-Bord iddeċieda tliet appelli, ma treġix peress li d-deċiżjoni appellata bl-ebda mod ma ppreġudikat id-dritt tal-appellanta u tal-applikanti l-oħra milli jintavolaw appell *ai termini* tal-liġi, kif fil-fatt jirriżulta li għamlu. L-appellat qal li la l-appellanta u lanqas missierha u ħuha ma ġew imċaħħdin

mid-dritt li jagħmlu appell u jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom. Żied jgħid li l-appellanta ċertament li ma tistax tilmenta li minħabba d-deċiżjoni appellata hija tilfet xi jedd li tiddefendi l-kawża tagħha sal-aħħar. L-appellat qal ukoll li l-fatt li għall-fini ta' speditezza, il-Bord iddeċieda l-lanjanzi ppreżentati quddiemu permezz ta' deċiżjoni waħda minflok tliet deċiżjonijiet separati, m'għandux jaqa' taħt il-parametri tassattivi tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u d-deċiżjoni tista' titqies li hija nulla.

L-appellat żied jgħid li l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jistabbilixxi li appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt, filwaqt li l-aggravji tal-appellanta huma msejsa fuq punti ta' fatt, b'tali mod li qiegħda tistieden lil din il-Qorti terġa' tevalwa l-fatti mill-ġdid. L-appellat qal li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-apprezzament tal-fatti minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad normalment m'għandux jiġi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri, u dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu lill-qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament ta' provi tal-ewwel qorti jew tribunal kien tant żbaljat illi altrimenti kienet ser tiġi kkreata inġustizzja. L-appellat qal li minn qari tar-rikors tal-appell, m'għandux jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-provi li kellu quddiemu l-Bord kienet waħda tant żbaljata li kienet ser tinħoloq inġustizzja. L-appellat qal li l-applikazzjoni tal-appellanta ġiet rifjutata għaliex l-applikazzjoni tal-*isponsor* tagħha ġiet rifjutata. Żied jgħid li f'dan il-każ, minkejja li l-appellanta indikat isem ommha bħala l-i*sponsor* tagħha, hija ma ppreżentaxt is-*supporting documents* mitluba minnha fir-rigward tas-sors u l-ammonti ta' dħul mensili li din l-i*sponsor*

tipperċepixxi, iżda ppreżentat biss informazzjoni u dokumentazzjoni dwar id-dħul ta' missierha. L-appellat qal li għalhekk kienet korretta l-konklużjoni tal-Bord li l-i*sponsor* attwali tal-appellanta huwa missierha u mhux ommha. L-appellat qal li huwa inutli li quddiem din il-Qorti l-appellanta tressaq provi dokumentarji sabiex tipprova li ommha għandha liċenzja sabiex tiġġestixxi negozju u dokumentazzjoni oħra, għaliex din id-dokumentazzjoni kellha tinġieb quddiem il-Bord u mhux f'dan l-istadju. Żied jgħid li anki d-dokumentazzjoni miġjuba mill-appellanta f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda rilevanza għal dak li jrid jiġi deċiż.

L-appellat qal ukoll li l-appellanta hija *third country national,* u li din m'għandhiex dritt ta' residenza li jemani minn xi liġi, bir-riżultat li l-appellanta ma tistax għalhekk tilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għall-ħajja familjari.

B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li huwa paċifiku li sabiex jiġi salvagwardjat id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq, m'hemmx għalfejn li tiġi ffissata seduta u li jsiru sottomissjonijiet orali. Żied jgħid li f'dan il-każ kien suffiċjenti li l-partijiet ingħataw l-istess opportunità sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u ċjoé li f'dan il-każ jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub u mhux verbalment.

Fl-aħħar nett l-appellat eċċepixxa li din il-Qorti, minkejja li tista' tissindika d-deċiżjoni mogħtija mill-appellat u mill-Bord, ma tistax tkun hi li tordna li jinħareġ xi permess li jkun ġie miċħud mill-Bord, u dan għaliex il-kompetenza

ta' din il-Qorti hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet, u mhux li tarroga fuqha l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata

*L-ewwel aggravju:* *Il-Bord naqas milli jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li l-omm kellha permess ta' residenza validu sa Frar, 2019, u li l-appellanta hija dipendenti tagħha*

8. Il-Qorti tqis li ma kienx korrett il-Bord li għal raġunijiet ta' 'speditezza', ittratta t-tliet appelli li saru mill-appellanta u minn membri oħra tal-familja tagħha f'deċiżjoni waħda. Dan qiegħed jingħad għaliex il-Qorti tqis li l-istatus tal-omm fir-rigward tal-permess li din għandha biex tirrisjedi f'Malta għandu almenu jkollu import fuq l-applikazzjoni taż-żewġ ulied minuri, partikolarment f'dan il-każ fejn jirriżulta li l-appellanta indikat lil ommha bħala l-i*sponsor* tagħha. L-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li minkejja li l-appellanta indikat lil ommha bħala l-i*sponsor* tagħha, id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha fil-fatt kienet relattiva għas-sitwazzjoni tal-missier, u għalhekk il-Bord kien korrett meta kkonkluda li l-i*sponsor* reali tal-appellanta ma kinitx ommha, iżda missierha.

Il-Qorti tqis li l-Bord naqas meta fl-ebda waqt fid-deċiżjoni tiegħu ma kkonsidra s-sitwazzjoni tal-omm, jew meta stabbilixxa li l-i*sponsor* tal-appellanta m'għandux permess ta' residenza validu, għaliex mill-fatti jirriżulta li dan mhux minnu. Il-Qorti tirrileva li l-Bord kien partikolarment żbaljat meta f'punt minnhom qal illi: "*The Board notes that its references and comments shall hereinafter refer to the principal appeal filed by Zia Ul Noor*", u semma l-allegazzjonijiet li saru mill-Ispettur Hubert Gerada u r-rakkomandazzjoni li saret mill-Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni sabiex l-applikazzjoni tal-missier tiġi rifjutata. Il-Qorti tirrileva li anki f'każ li kien hemm raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni tal-missier tiġi rifjutata, minn qari tad-deċiżjoni appellata jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-applikazzjonijiet tal-ulied minuri u l-appelli li huma ressqu quddiem il-Bord ma ngħatawx il-konsiderazzjoni li kienet tixirqilhom. Minn qari tad-deċiżjoni tal-Bord jirriżulta li dan fl-ebda waqt ma kkonsidra l-applikazzjoni tal-appellanta u ta' ħuha fuq il-merti tagħhom, iżda kkonsidrahom biss mill-perspettiva li l-applikazzjoni tal-missier kienet ser tiġi rifjutata. Il-Bord naqas ukoll milli jagħmel riferiment għall-fatt li l-omm ġiet indikata bħala l-i*sponsor* tal-appellanta, u għall-fatt li d-dokumentazzjoni relattiva għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-omm baqgħu ma ġewx ippreżentati quddiemu. Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Qorti, ifisser li l-Bord injora għalkollox is-sottomissjoni tal-appellanta li ommha kellha titqies bħala l-i*sponsor* tagħha, u minflok iddeċieda l-appell li kellu quddiemu billi imputa fuq l-ulied minuri tal-koppja Noor il-konsegwenzi li segwew l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-missier. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *Il-Bord qatt ma seta' jiddeċiedi tliet appelli separati, ta' tliet persuni differenti, b'deċiżjoni waħda*

9. L-appellanta spjegat li l-Bord kellu quddiemu tliet rikorsi tal-appell, dak tal-appellanta, dak ta' ħuha minuri, u dak ta' missierhom, iżda għal xi raġuni l-Bord iddeċieda li jagħti deċiżjoni waħda fil-konfront tat-tliet appellanti. L-appellat wieġeb għal dan billi qal li minkejja li ngħatat deċiżjoni waħda fil-konfront tat-tliet appellanti, xorta waħda ma jistax jingħad li l-appellanta sfat ippreġudikata, jew sfat imċaħħda mid-dritt li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha. L-appellat qal ukoll li l-fatt waħdu li l-Bord iddeċieda t-tliet appelli permezz ta' sentenza waħda, ma jmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 790 tal-Kap. 12, u l-Bord ipproċeda b'dan il-mod għal raġunijiet ta' 'speditezza'.

Iżda l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-pożizzjoni tal-appellat, u tirrileva li fi kwistjonijiet daqstant delikati, li jaffettwaw il-ħajja ta' persuna fit-totalità tagħha, fejn persuna jista' jkollha titlaq mill-pajjiż u trid tara fejn ser tibda ħajjitha mill-ġdid, il-prinċipju ewlieni li għandu jirregola dawn il-proċeduri ċertament li m'għandux ikun dak l-ispeditezza, imma dak tal-ħarsien tal-ġustizzja u tal-jeddijiet fundamentali tal-persuni li jersqu quddiem il-Bord bit-tama li jingħataw rimedju ekwu u ġust. F'dan il-każ dan ma seħħx u l-Bord għamilha ċara li bid-deċiżjoni tiegħu kien qiegħed jindirizza s-sitwazzjoni partikolari tal-missier, filwaqt li injora għalkollox is-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-ulied minuri, il-fatt li dawn twieldu u ħadu l-edukazzjoni tagħhom hawn Malta, il-fatt li l-*isponsor* tal-appellanta hija ommha, u l-fatt li l-appellanta hija tfajla

ta' tlettax-il sena, b'ħajjitha kollha quddiemha, u l-uniku pajjiż li hija qatt għexet fih u li tagħraf bħala l-post ta' residenza tagħha huwa proprju Malta. L-ebda waħda minn dawn ir-realtajiet tal-appellanta ma ġiet indirizzata mill-Bord u għalhekk għandha raġun l-appellanta tgħid li tliet appelli li ġew intavolati b'mod separat u li din il-Qorti tinnota li huma appelli b'fatti differenti għal kull wieħed mill-appellanti li ressaqhom, ma kellhomx jiġu deċiżi b'deċiżjoni waħda tal-Bord. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li d-deċiżjoni tal-Bord tindirizza biss is-sitwazzjoni tal-missier, u tinjora għalkollox is-sitwazzjoni tal-ulied minuri, imma finalment tispiċċa billi tgħid li l-ulied minuri għandhom jibqgħu mal-missier għal raġunijiet ta' integrità familjari, filwaqt li tinjora għalkollox li f'din il-familja hemm ukoll omm li għandha n-negozju tagħha, li ġiet indikata bħala l-i*sponsor* tal-appellanta, u li hija wkoll għandha dritt għall-ħarsien tan-nukleju familjari tagħha. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li dan it-tieni aggravju huwa wkoll ġustifikat u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *Il-Bord injora diversi aspetti fattwali tal-applikazzjoni tal-appellanta*

10. L-appellanta tgħid li l-Bord naqas milli jindirizza diversi aspetti fattwali tal-applikazzjoni tagħha, fosthom il-fatt li hija twieldet hawn Malta, il-fatt li hija bint persuna li għandha permess ta' residenza validu, il-fatt li hija tgħix mal-ġenituri tagħha li huma miżżewġin, u li huma jgħixu flimkien bħala familja hawn Malta f'proprjetà li xtraw il-ġenituri tagħha. L-appellanta żiedet tgħid li l-Bord injora għalkollox il-fatt li hija tattendi skola hawn Malta, li l-ġenituri

tagħha għandhom hawnhekk in-negozju tagħhom, dejjem ħallsu t-taxxi hawn Malta, u li konsegwenza tad-deċiżjoni appellata l-ħajja familjari tal-appellanta ser tiġi mħarbta.

Dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti diġà elaborat dwarhom. Il-Bord għamel l-aktar ammissjoni ċara tal-fatt li injora r-realtajiet partikolari tal-appellanta u ta' ħuha, meta fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata stqarr li kien ikkonsidra s-sitwazzjoni tal-missier u l-fatt li kien hemm oġġezzjoni għall-appell tiegħu minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, l-appelli tal-ulied minuri kienu qegħdin jiġu rifjutati għall-istess raġunijiet, u dan meta ma jirriżultax li kien hemm l-istess tip ta' oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ulied minuri. Huwa ċar għalhekk li l-Bord wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-appellanta mingħajr ma kkonsidra l-fatti partikolari tal-każ tagħha. Il-Qorti għalhekk tqis li dan it-tielet aggravju huwa mistħoqq u tilqgħu, filwaqt li għal darb'oħra tirrileva li d-deċiżjonijiet tal-Bord mhumiex deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu bil-leġġerezza manifesta li ttieħdet id-deċiżjoni fir-rigward tal-appellanta, għaliex huma deċiżjonijiet li jolqtu l-aktar jeddijiet fundamentali li għandu l-individwu, bħalma huwa l-jedd għat-tgawdija tal-ħajja tal-familja tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-pożizzjoni li ħa l-appellat meta fir-risposta tiegħu għamel riferiment għall-fatt li l-appellanta hija *third country national* u għalhekk implika li għaliha jgħoddu xi tip ta' jeddijiet fundamentali li huma differenti minn dawk ta' ċittadini Maltin jew ta' ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Id-drittijiet fundamentali tal-individwu jissejħu 'jeddijiet fundamentali' għaliex min-natura tagħhom

għandhom jitgawdew u joffru protezzjoni lill-individwu indipendentement mill-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

*Ir-raba' aggravju:* *Il-Bord ma għamel l-ebda seduta sabiex ikun jista' jisma' l-pożizzjoni tal-partijiet*

11. Il-Qorti tqis li minkejja dak li ssottometta l-appellat, li kull wieħed mill-partijiet f'dawn il-proċeduri kellu d-dritt li jinstema' u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, il-fatt li f'każijiet ta' dix-xorta l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma jkun hemm smigħ, hija ċertament anomalija. Huwa minnu li l-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 jistipula illi:

> "Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra."

Din id-dispożizzjoni ma tesiġix li f'kull każ il-Bord għandu jżomm seduta għall-ġbir tal-provi. Barra minn hekk l-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) jipprovdi li tribunal amministrattiv, li jinkludi l-Bord skont l-Ewwel Skeda, għandu jagħti lil kull parti l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha "bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn", liema dispożizzjoni tagħti diskrezzjoni lill-Bord dwar il-mod kif għandhom jitmexxew l-proċedimenti quddiemu. Minkejja dan, din il-Qorti tqis li ż-żamma ta' seduta biex almenu l-Bord jevalwa l-komportament u l-kredibbilità tax-xhieda, tkun miżura li ssaħħaħ idejn il-Bord meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. F'dan il-każ in-nuqqas ta' smigħ jirriżulta li ċaħħad lill-appellanta mill-opportunità li tikkoreġi n-nuqqas li ma

ġietx ippreżentata d-dokumentazzjoni fir-rigward tad-dħul ta' ommha, jew il-fatt li din kienet l-i*sponsor* tagħha. Il-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi tad-dokumentazzjoni li kellu quddiemu, u mingħajr ma qies x'kellhom xi jgħidu l-appellanta u ħuha, pereżempju, fir-rigward tax-xhieda tal-Ispettur Gerada, li fix-xhieda tiegħu għamel allegazzjonijiet dwar il-missier, liema allegazzjonijiet m'għandhomx x'jaqsmu magħhom l-ulied minuri. Il-Qorti tifhem li l-Bord għandu volum ta' każijiet x'jiġu deċiżi. Imma għal darb'oħra tisħaq dwar l-importanza li jitħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif ukoll li l-jeddijiet fundamentali tal-individwu jiġu mħarsa f'kull waqt, minħabba l-impatt li d-deċiżjonijiet li jieħu l-Bord iħallu fuq l-individwi li jersqu quddiemu bil-lanjanzi tagħhom. Dan qiegħed jingħad partikolarment għaliex f'dan il-każ jirriżulta li l-Bord kellu quddiemu dokumenti li l-appellanta ma kinitx mgħarrfa bihom u li għalhekk ma setgħetx tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwarhom. Tqis għalhekk li anki dan l-aggravju huwa ġustifikat u qed tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-appellanta, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellanta wara li jkun ingħata qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**